MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2014

Numru. 84/2003

# Il-Pulizija

# Spettur Chris Pullicino

# Vs

# Brooks Lia, iben Vincent u Julie nee' Meilaq, imwieled Tal Pieta' nhar id-9 ta' April, 1973, residenti fil-fond numru 3, Triq iz-Znuber, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita' numru 168073M;

# OMISSIS

# Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **<u>Brooks Lia</u>** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-28 ta’ Gunju, 2002 fl-Imtarfa, ghall-habta tal-11 ta’ filghodu, bil-hsieb illi jikkometti delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt ta’ serq minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAV648 li kienet ipparkjata fi Triq San David, Mtarfa, L/O Rabat, liema oggetti huma stmati li jiswew aktar minn mitt Lira Maltin (Lm100.00), izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1,000.00), liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, u liema delitt ta’ serq li kieku sehh kien ikun aggravat bil-valur u bin-natura tal-oggett misruq u dan ghad-dannu ta’ Carmel Galea;

2. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi moqrija l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati taghhom; kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll illi l-Avukat Generali baghat il-kunsens tieghu ghall-istess proceduri;

Rat ukoll illi dawn il-proceduri huma biss fil-konfront ta' Brooks Lia **wara li gie separat il-gudizzju**.

Semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Chris Pullicino** li ezebixxa l-istqarrija ta' Brooks Lia bhala Dok BL.

Siccome din il-kawza si tratta ta' attentat ta' serq, xehed ukoll certu **Charles Galea**. Qal dan illi hu, fis-7 ta' Marzu, 2003, kien irraporta lill-pulizija li waqt li kien qieghed jittawwal mill-gallarija ra persuna iddahhal idejha fil-Land Rover tieghu. Qal illi beda jghajjat "*Hemm x'qed taghmel?*"

Qal illi dan rikeb fil-karozza ma' persuna ohra u harbu. Identifika din il-karozza bhala Audi Gold, numru ta' registrazzjoni BBB171.

Gharaf mill-ID parade li kien ghamel a tempo vergine, il-persuna li kien identifika hu, cioe' lill-ko-imputat l-iehor. Ghalih din kienet il-persuna li dahhlet idejha fil-Land Rover tieghu li kellha numru ta' registrazzjoni IAV648.

Ghalhekk **Brian Farrugia** dwar din il-Land Rover, xehed illi fil-fatt kienet registrata fuq Charles Galea.

Gia' gie suespost illi giet ezebita l-istqarrija tal-imputat, illi l-Avukat Difensur fit-trattazzjoni ghamel referenza ghaliha. Sostna li fiha ma kinx hemm ammissjoni tal-attentat ta' serq.

Ma giet sollevata ebda eccezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-istqarrija. Din il-Qorti pero, anke f'dan in-nuqqas, tqis illi tali stqarrija ghandha tigi kkunsidrata ammissibbli stante l-eta'

tal-imputat fi zmien tal-allegat reat, u l-istat tal-fedina penali tieghu – qajla jista’ jinvoka (kif fil-fatt ma ghamilx) illi huwa kien vulnerabbli waqt it-tehid tal-istqarrija.

Mill-istqarrija jirrizulta li hu kien flimkien ma’ certu Stephen Zammit u mieghu bil-karozza tieghu stess – Audi, marru d-Detox u anke jwasslu lit-tfajla ta’ dan Stephen Zammit l-iskola. Tkellmu kif it-tnejn kienu msallbin fil-flus. Ftehmu li kellhom imorru lejn l-inhawi tar-Rabat biex jakkwistaw xi haga. Qal illi filwaqt illi hu baqa’ fil-karozza, dan Stephen nizel mill-vettura, mexa lejn karozza ohra, dahhal rasu go fiha – din kienet tip ta’ Land Rover. Jghid illi minnha prova jiehu xi haga. Qal illi dak il-hin hu beda jibza’ u li anke ra lil dan sejjer lura b’pass mghaggel, u jghidlu biex isuq malajr, dan beda anki jidghi. Jghid ukoll fl-istqarrija li sema’ lil xi had jghajjat “*Hoj! Hoj!*”

Zied illi dan Stephen kien qallu li aktarx rah sid il-vettura u li wara staqsewh ghalfejn kixfu. Kien insistent li ma serqu xejn. Qal ukoll illi dwar ir-rikavat mir-res furtiva, kien l-iehor illi kellu jbiegh din u jaghtieh xi flus.

Ikkunsidrat:

Illi mehuda l-istqarrija bhala ammissibbli, qajla l-Qorti tista’ tghid illi Hi taqbel mat-tezi tad-Difiza – illi ma kinx hemm l-attentat tar-reat ta’ serq f’dan il-kaz.

L-Artikolu 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jaqra hekk:

“

*41. (1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel delitt juri dan il-ħsieb b'atti esterni u jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, jeħel, meta jinsab ħati, barra minn meta l-liġi tgħid espressament xort'oħra, -*

*(a) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-ħati, ilpiena stabbilita għad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew żewġ gradi;*"

Issa l-ewwel element illi ssemmi l-Ligi huwa l-hsieb li jsir delitt, liema hsieb certament jirrizulta minn dak mistqarr minn Lia nnifsu - cioe' li jgibu xi haga ghax kellhom nuqqas ta' flus. Car li bid-diskors li jgibu, ried biss ifisser mis-serq. Issa titlob ukoll il-Ligi, li tali hsieb jigi manifestat "*b'atti esterni*" u li jinghata bidu "*ghall-esekuzzjoni tad-delitt*".

X'ghamel l-imputat b'karozza misjuqa minnu? Saq sar-Rabat, nizzel lill-persuna l-ohra li avvicinat vettura pparkjata, u anke dahhlet idejha fiha. L-intiz dejjem kien ta' serq, ghax hu – l-imputat, kien nieqes mill-flus. Tqis il-Qorti li ghalhekk, l-attentat jirrizulta b'mod ampju.

Daqstant iehor jirrizulta l-fatt illi s-serq ma giex komplut ghaliex gie nterrot minn Galea – ghalhekk anke sodisfatt ir-rekwizit tas-sub inciz (a) tal-imsemmi Artikolu in ezami.

Ghalhekk issib htija fil-konfront ta' Brooks Lia wara li rat l-Artikoli 41, 261, 271, 279, u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi Brooks Lia gie anke addebitat bir-recidiva taht l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ukoll is-sentenzi ezebiti f’dan ir-rigward a folio 120, 123, 127, u 130;

Rat illi dawn is-sentenzi hemm imnizzel id-dettalji tal-imputat, senjalament in-numru tal-karta tal-identita’ ;

Rat pero li din l-akkuza ggib id-data tas-sena 2002, mentri Dok CP (folio 120), tirrigwardja liberazzjoni kondizzjonata. Dok CP2 folio 123, iggib id-data ta’ qabel l-akkuza; anke Dok CP3 a folio 124; ukoll Dok CP4 a folio 127 u Dok CP5.

Illi tenut dan kollu, il-Qorti ma tistax taddebita l-akkuza tar-recidiva.

Dwar il-piena, qieset it-trapass ta’  zmien mohli, anke mill-partijiet f’dawn il-proceduri, anke tenut kont tad-data tal-istess akkuza;

Rat ukoll l-Artikoli 17, 21, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Qieset l-istat tal-fedina penali ta’ Brooks Lia, gia’ fi zmien li gie kommess dan ir-reat, u tikkundannah ghalhekk ghal piena karcerarja effettiva tmintax(18)-il xahar

Dwar il-vettura Audi wzata, il-Qorti tqis illi mhuz car ezatt lil min kienet verament tappartjeni (nonostante li Lia jghid illi hi tieghu), u ghalhekk mhix qed tordna l-konfiska.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------